**Jismek bħali**

Malajr ħallejtna ħabib tat-tfulija
Hekk ħelu, sinċier, u ta' qalb wisq kbira,
Meta kellimtni ħassejt fik tjubija
Li sserraħ il-qalb, ma tibqax ilsira.

Anki għalik iċ-ċens tal-ħajja għalaq
U tlajt, ħelu ħelu, għand Sidna l-Mulej,
Ħalli mingħandu, il-Missier li ħalaq
Tieħu l-premju tal-ħajja t'issa w li ġej.

Ħabib, tifkirietek se ngħożż għall-ħajti,
Se tibqa' miegħi għal kemm itul iż-żmien,
Li silifni ngħix Alla, kemm baqagħli.

L-umiltà ta' kliemek, għerfek li tajtni
Se nibqa' inġorrhom miegħi kullimkien,
Insellimlek ħabib li jismek bħali.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta' Frar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.